# TALBA TAL-FIDILI

# **TNEJN TAT-33 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA**

*Ċel:* Qabel jitla' Ġerusalemm fi triqtu lejn il-passjoni tiegħu, Ġesù jieqaf Ġeriko u jfejjaq raġel li kien tilef id-dawl wara li dan stqarru bħala bin David u Messija u talbu jħenn għalih. Nagħmlu tagħna t-talba ta' dan il-fqajjar:
R/. *Ġesù, bin David, ikollok ħniena minna.*

1. Ġesù, bin David, ikollok ħniena mill-poplu tiegħek il-Knisja, u dawwal lill-insara bil-Kelma tiegħek ħalli jimxu warajk fit-triq tal-passjoni, mewt u qawmien tiegħek, nitolbu. R/.

2. Ġesù, bin David, ikollok ħniena mill-umanità li tgħix fid-dlam taċ-ċaħda tal-profeti tiegħek u tas-sinjali tal-aħħar żminijiet, u għinna tagħraf li t-tieni miġja tiegħek hi fil-qrib, nitolbu. R/.

3. Ġesù, bin David, ikollok ħniena minn dawk il-persuni li tilfu d-dawl, u agħtihom kuraġġ biex jgħixu ħajja attiva bl-appoġġ tal-familjari u l-ħbieb tagħhom, nitolbu. R/.

4. Ġesù, bin David, ikollok ħniena mill-miljuni ta' persuni li jittallbu l-karità fit-toroq tal-bliet kbar tad-dinja, għax huma bla dar jew kellhom jaħarbu minn pajjiżhom minħabba gwerer, nitolbu. R/.

5. Ġesù, bin David, ikollok ħniena minna li nersqu lejk bit-tama f'din l-Ewkaristija, biex tgħinna nsalvaw bil-qawwa tal-fidi tagħna fik, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti d-dawl tad-dinja, u min jimxi warajk ikollu d-dawl tal-ħajja. Agħtina li niddawwlu bil-Kelma tiegħek u nagħrfu s-sinjali tal-miġja tiegħek fostna fl-aħħar żminijiet, ħalli ma nabbandunawx l-imħabba tal-bidu tagħna u nimxu warajk bil-ħeġġa fit-triq tas-salib. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## TLIETA TAT-33 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Fil-belt ta' Ġeriko Ġesù jikkonverti lil Żakkew il-pubblikan u jġib is-salvazzjoni lilu u lil daru. Nersqu lejh bl-istess indiema għal dnubietna, biex insibu l-maħfra li neħtieġu kull meta nintilfu fil-mixja tagħna wara Ġesù. Nitolbu u ngħidu:
R/. *Għinna nilqgħuk f'darna, Mulej.*

1. Qaddes il-ħidma tar-ragħajja tal-Knisja tiegħek, biex bħalek huma joħorġu fit-toroq tad-dinja jfittxu u jsalvaw lil dawk li huma mitlufin, nitolbu. R/.

2. Rattab il-qalb iebsa ta' dawk il-mexxejja politiċi jew proprjetarji ta' riżorsi u ġid immens, biex jifhmu li l-proprjetà privata hi inġusta jekk ma jkunx hemm disponibilità ta' qsim tal-ġid ma' min hu fqir, nitolbu. R/.

3. Ħeġġeġ fil-ġenerazzjonijiet żgħażagħ l-enerġiji tagħhom f'direzzjoni tajba, biex ma jaqgħux fil-periklu tal-bruda spiritwali u ta' ħajja bla skop u bla impenn favur il-valuri li jibqgħu għal dejjem, nitolbu. R/.

4. Lill-morda u lill-moribondi agħtihom il-grazzja li jishru bil-fidi fl-istennija tal-miġja tiegħek bħala t-tabib li tfejjaq, taħfer u ssalva, nitolbu. R/.

5. Bil-qawwa ta' din l-Ewkaristija agħtina l-grazzja li nidħlu miegħek għall-ikla tal-mejda tas-sema, wara li niftħulek il-bibien ta' qalbna li fuqhom tħabbat bil-ħniena tiegħek, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti għidtilna li Bin il-bniedem ġie fid-dinja biex ifittex u jsalva l-mitluf. Nitolbuk tfittixna kull meta nitbiegħdu minnek, biex inkunu dejjem lesti li nħalluk tidħol f'darna u tnaddafna mill-egoiżmu tagħna, u hekk tagħmilna denji tal-ikla Ewkaristika li għaliha tistedinna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# ERBGĦA TAT-33 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Ġesù juri kif is-saltna ta' Alla tasal fl-aħħar żminijiet, imma li sadanittant irridu nħaddmu tajjeb id-doni li Alla jagħtina biex nagħmlu l-ġid fl-istennija tal-miġja tal-Mulej. Nitolbu biex inkunu rikonoxxenti għall-fiduċja li Kristu juri fina, u nħaddmu b'mod għaqli d-doni li jagħtina:
R/. *Agħtina l-premju tal-qaddejja tajbin tiegħek, Mulej*.

1. Biex il-Knisja tkun sinjal għall-umanità tal-importanza tal-istennija tal-miġja ta' Kristu fil-glorja, imma wkoll tal-fedeltà għall-għemejjel tajba fiż-żmien ta' issa, nitolbu. R/.

2. Biex min qiegħed kostitwit f'awtorità jirrispetta d-doni u l-inizjattiva taċ-ċittadini, u jaħdem biex jikkordina l-isforzi ta' kulħadd għall-ġid komuni, nitolbu. R/.

3. Biex min imexxi l-ekonomija mondjali ma jimxix biss bi kriterji ta' qligħ u jinsa l-karba tal-foqra li jridu wkoll igawdu mid-doni tar-riżorsi li Alla żejjen bihom id-dinja, nitolbu. R/.

4. Biex il-kontemplattivi joffru ħajjithom b'att ta' adorazzjoni lill-kobor ta' Alla, permezz tal-liturġija u tal-qari devot tal-Kelma li jimmeditaw u jitolbu biha, nitolbu. R/.

5. Biex aħna nitgħallmu nużaw id-doni li Alla żejjinna bihom, u mhux ningħalqu fina nfusna fl-egoiżmu li ma jħalliniex nintebħu bil-bżonn li naħdmu għall-ġid tal-proxxmu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti l-Ħaruf bla tebgħa issagrifikat għalina fuq is-salib. Agħtina li nieħdu sehem fis-sagrifiċċju tiegħek f'din l-Ewkaristija, biex waqt li nistennewk bil-ferħ tiġi fostna, nagħrfu nagħmlu użu tajjeb miż-żmien ta' issa fil-mixja tagħna warajk lejn Ġerusalemm tas-sema. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# ĦAMIS TAT-33 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Ġesù beka fuq il-belt ta' Ġerusalemm, għax ma għarfitx iż-żmien taż-żjara ta' Alla fostha. Nitolbu biex aħna nagħrfu lil Kristu li jagħtina l-paċi tiegħu fil-preżent ta' ħajjitna:
R/. *Tħalliniex inwebbsu qalbna għaż-żjara tiegħek.*

1. Għall-Knisja, biex tagħraf f'kull mument tal-istorja tagħha u tad-dinja l-preżenza ta' Kristu, u ma twebbisx qalbha biex tisma' l-leħen tiegħu jidwi fil-Kelma li xxandar, nitolbu. R/.

2. Għall-paċi fil-belt qaddisa ta' Ġerusalemm, li hi xbieha tas-sliem ta' Ġerusalemm tas-sema, ħalli tibqa' belt miftuħa għal kull min jemmen f'Alla ta' Abraham, nitolbu. R/.

3. Għal kull min hu mnikket minħabba n-nuqqas ta' senibilità tal-oħrajn, biex jagħmel kuraġġ u jissokta fl-impenn profetiku tiegħu, nitolbu. R/.

4. Għal dawk il-persuni li għalqu qalbhom għall-preżenza ta' Kristu u jfixklu lil dawk li jridu jemmnu fih, biex jaslu għall-konverżjoni u l-għarfien tal-verità sħiħa, nitolbu. R/.

5. Għalina li nġbarna għal din l-Ewkaristija, li hi ċelebrazzjoni tal-Ħaruf tal-Għid issagrifikat għalina, biex ngħixu bħala poplu rjali u saċerdotali li nesprimu f'ħajjitna l-qawwa tal-passjoni tal-Mulej, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, meta qrobt lejn il-passjoni tiegħek inti bkejt quddiem il-belt qaddisa ta' Ġerusalemm għax rajt il-qerda li kienet ġejja fuqha. Qawwi fina l-fidi biex nibku d-dnubiet tagħna u ma nwebbsux qalbna għal-leħen tiegħek li jsejħilna għall-indiema. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ĠIMGĦA TAT-33 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Ġesù keċċa mit-tempju lil dawk li kienu jipprofnawah u wera li d-dar tat-talb hi post qaddis, imma li fuq kollox hu qaddis il-ġisem tiegħu, il-veru tempju ta' Alla, għal dawk kollha li jisimgħuh minkejja li kien sinjal ta' kuntradizzjoni. Nitolbuh u ngħidulu:
R/. *Qaddisna fit-tempju tal-ġisem tiegħek.*

1. Qaddes lill-Knisja tiegħek u agħti lill-insara li jsiru tempju ħaj tal-glorja tiegħek fl-għotja ta' ħajjithom b'kult spiritwali għas-servizz tiegħek, nitolbu. R/.

2. Dawwal lill-mexxejja tal-ġnus biex jiggarantixxu l-libertà tal-qima pubblika lejk fil-Knejjes insara, bir-rispett tal-postijiet qaddisa tat-talb tar-reliġjonijiet kollha preżenti f'kull pajjiż, nitolbu. R/.

3. Biegħed mill-komunitajiet parrokkjali tagħna t-tentazzjoni li nagħmlu qliegħ diżonest minn oġġetti spiritwali, u ipproteġi lill-knejjes tagħna minn kull xorta ta' profanazzjoni, nitolbu. R/.

4. Ipprovdi l-għajxien materjali lil min hu bil-ġuħ, u taffi l-ġuħ spiritwali ta' dawk li ma għadhomx iduqu l-benna tal-Kelma tiegħek li tmantnihom, nitolbu. R/.

5. Agħtina li aħna nieklu l-Kelma tiegħek u li ngħixu b'kull kelma li toħroġ minn fommok, nitolbu. R/.

*Ċel:* Agħmilna profeti tas-saltna tiegħek, Mulej Ġesù, biex nilqgħu bil-ferħ il-ħlewwa tal-Kelma tiegħek u nqaddsu l-preżenza tiegħek fina b'talb spiritwali u bir-rispett ta' dak kollu li hu qaddis fil-knejjes, djar, familji u persuni tagħna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# **SIBT TAT-33 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA**

*Ċel:* Ġesù jgħallimna li Alla hu Alla tal-ħajjin, u li l-ħajja ta' dejjem tqiegħedna f'kundizzjoni ġdida quddiemu u quddiem ir-relazzjoni umani tagħna. Nitolbu biex nistqarru lil Ġesù li rebaħ il-mewt u wera d-dawl tal-ħajja permezz tal-Evanġelju:
R/. *Inti li dejjem ħaj, ismagħna.*

1. Agħti lill-poplu nisrani l-fidi qawwija fil-qawmien tiegħek mill-imwiet biex isir sinjal ta' tama għal dinja li tilfet is-sens veru tal-ħajja, nitolbu. R/.

2. Tħallix li ssaltan fis-soċjetà mentalità ta' mewt li taħseb li l-bniedem hu sid il-ħajja tiegħu u tal-oħrajn, u li jista' juża mezzi biex itemm il-ħajja ta' min hu innoċenti u ma jistax jiddefendi ruħu, nitolbu. R/.

3. Ipproteġi lill-magħżulin tiegħek fil-ġlieda kontra l-bhima tad-dlamijiet, biex ikunu profeti kuraġġużi la ma jibżgħux jiddenunzjaw il-qerq tax-xitan u t-tlellix tiegħu, nitolbu. R/.

4. Ixxotta d-dmugħ ta' dawk li tilfu s-sieħeb jew is-sieħba tagħhom fiż-żwieġ, u farraġhom bit-tama li għad jaraw lil xulxin mill-ġdid fil-qawmien għall-ħajja, nitolbu. R/.

5. Lilna li għadna fid-dinja u nixtiequ nwieġbu għal tant mistoqsijiet, agħtina ċertezza li l-fidi u t-tama għad iwassluna biex nifhmu l-verità kollha tal-misteru ta' mħabbtek fid-dawl tas-saltna tiegħek, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, aħna lanqas nafu nitolbu kif imiss u nitbeżżgħu quddiem is-sinjali tal-qerda u tat-tmiem taż-żminijiet li naraw madwarna. Imliena bil-kuraġġ permezz ta' din l-Ewkaristija, biex nistqarru li inti s-Salvatur tagħna li rbaħt il-mewt u urejt id-dija tal-ħajja permezz tal-Evanġelju. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# **L-34 Ħadd matul is-Sena** (Ċ)
# **SOLENNITÀ TA' SIDNA ĠESÙ KRISTU, SULTAN TAL-ĦOLQIEN KOLLU**

*Ċel:* Il-wegħdiet li Alla għamel lir-re David u lil nislu seħħew fil-persuna tal-Messija, Ġesù, li wera li hu tassew sultan mhux bil-qawwa tax-xettri u t-tronijiet, imma bil-qawwa tal-maħfra u t-tixrid ta' demmu fuq is-salib. Nersqu lejn Ġesù, li jsaltan rebbieħ u ngħidulu:
R/. *Ġesù, daħħalna fis-saltna tiegħek.*

1. Ħares lill-Papa u lir-ragħajja tal-Knisja fil-qadi tal-missjoni tagħhom li jmexxu lill-poplu tiegħek b'sentimenti ta' ħniena u jaqduh bl-umiltà ta' Kristu li ġie fid-dinja biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra, nitolbu. R/.

2. Ħabbeb lill-bnedmin bil-qawwa tas-salib ta' Kristu, u għinhom biex jemmnu fil-qawwa tiegħu li tidher fil-ħolqien kollu li joqgħod għall-Kelma tiegħu, nitolbu. R/.

3. Imla' bil-kuraġġ lill-midinbin biex jindmu kif nidem il-ħalliel imsallab ma' Kristu, ħalli jaqilgħu l-frott tal-talb tagħhom lilu biex jiftakar fihom fis-saltna tiegħu, nitolbu. R/.

4. Ikollok ħniena minn dawk il-bnedmin li ma jridux li Kristu jsaltan fil-familji u fis-soċjetà, u li jopponu t-tixrid tas-saltna tiegħu fost il-bnedmin, nitolbu. R/.

5. Agħtina li Kristu sultan jiftakar fina, biex idaħħalna fis-saltna ta' mħabbtu u jidher tassew bħala l-Messija, Bin David, li quddiem tmil kull kreatura, fis-sema, fl-art, u f'qiegħ l-art, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla Missierna, inti sejjaħtilna biex insaltnu miegħek fil-ġustizzja u fl-imħabba. Eħlisna mill-qawwa tad-dlamijiet; agħmel li nimxu fuq il-passi ta' Ibnek, u li bħalu noffru ħajjitna għall-imħabba tal-aħwa, u hekk inkunu ċerti li jdaħħalna fil-glorja tal-ġenna fis-saltna tiegħu. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## 17 ta' Novembru
## FESTA TA' SANTA ELIŻABETTA TAL-UNGERIJA, PATRUNA TAL-ORDNI FRANĠISKAN SEKULAR

*Ċel:* Il-Mulej Ġesù jurina kif dak li aħna nagħmlu mal-iċken fost ħutna nagħmluh miegħu. Fuq l-eżempju tiegħu Santa Elizabetta tal-Ungerija iddedikat ħajjitha għall-karità tal-foqra, u għażlet li titwarrab mis-saltna tal-art biex tidħol fl-Ordni tal-Penitenza imwaqqaf minn San Franġisk. Nitolbu biex aħna ngħixu fuq l-eżempju li tatna:
R/. *Iftħilna qalba għall-foqra, Mulej.*

1. Santa Elizabetta riedet tiddawwal mid-diretturi spiritwali tagħha. Għin lill-insara biex jitgħallmu jfittxu min jiggwidahom fil-ħajja tal-ispirtu, nitolbu. R/.

2. Santa Elizabetta użat il-ġid tagħha bħala reġina biex tqassmu karità lill-foqra. Dawwal lill-mexxejja tal-ġnus biex ma jinsewx lil tant bnedmin li għadhom jgħixu fil-faqar minkejja l-ġid li hawn fid-dinja, nitolbu. R/.

3. Santa Elizabetta kienet omm eżemplari li rabbiet lil uliedha fil-biża' ta' Alla. Ħares u bierek lill-ommijiet fil-qadi tal-missjoni tagħhom ta' mħabba u ħlewwa lejn uliedhom, nitolbu. R/.

4. Santa Elizabetta qdiet lill-morda u lill-agonizzanti. Nitolbuk tagħti faraġ u barka lil kull min ibati mill-mard u lil min wasal biex imut fi ħdanek, nitolbu. R/.

5. Santa Elizabetta għexet fl-ispirtu evanġeliku Franġiskan. Għall-Franġiskani Sekulari kollha biex isibu fiha patruna li tidħol għalihom fl-impenn tagħhom li jgħixu l-ispirtu tal-beatitudni evanġeliċi, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti urejtna li se tagħmel ħaqq minna skond l-għemejjel ta' ħniena li nagħmlu mal-fqajrin tiegħek. Għallimna bl-eżempju ta' qdusija ta' Santa Elizabetta tal-Ungerija, biex ninfatmu mir-rabta ma' dak kollu li jgħaddi u ngħixu fil-penitenza u l-konverżjoni ħalli niksbu s-saltna li inti wegħidt liċ-ċkejknin. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# 29 ta' Novembru
# FESTA TAL-QADDISIN KOLLHA TAL-ORDNI SERAFIKU

*Ċel:* Infaħħru lil Alla illum għad-don tal-qdusija Serafika li biha żejjen lil San Franġisk u lil kotra bla tarf ta' wliedu, u nitolbu biex bl-interċessjoni tagħhom aħna wkoll ngħixu s-sejħa tagħna għall-qdusija:
R/. *Salvana bit-talb tal-qaddisin tiegħek, Mulej.*

1. L-Ordni Franġiskan hu skola ta' għerf fit-tagħlim u l-predikazzjoni tad-dutturi u r-ragħajja tiegħu. Għar-ragħajja tal-Knisja biex imexxu lill-poplu ta' Alla bl-għerf u l-qdusija, nitolbu. R/.

2. L-Ordni Franġiskan jiddi bil-glorja tal-martri li taw xhieda għall-ħajja evanġelika li wegħdu fir-Regola. Għal dawk l-insara li huma ippersegwitati u maħqurin minħabba l-fidi tagħhom, nitolbu. R/.

3. L-Ordni Franġiskan ta frott ta' safa fil-qaddisin verġni fl-Ordni ta' Santa Klara u familji reliġjużi oħrajn femminili. Għan-nisa ikkonsagrati biex ikunu fidili għas-sejħa tagħhom ta' kontemplazzjoni u karità, nitolbu. R/.

4. L-Ordni Franġiskan ħaddan bosta sekulari lajċi li għexu fil-penitenza u taw eżempju tal-ħajja tal-familja. Għall-familji tagħna u għal dawk il-lajċi li huma impenjati fl-apostolat fil-komunità ekkleżjali, nitolbu. R/.

5. L-Ordni Franġiskan inbena fuq il-mudell tal-appostli. Għalina, biex bl-interċessjoni ta' San Franġisk u tal-qaddisin tal-Ordni ngħixu bil-ħeġġa tal-appostli u nsiru ambaxxaturi tal-ħniena ta' Kristu ma' ħutna, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, inti waħdek qaddis u fis-sema s-Serafini, il-Kerubini u l-qtajjiet tal-ispirti qaddisa jxandru t-tifħir tiegħek. Sieħeb magħhom lilna li għadna fil-pellegrinaġġ tagħna f'din id-dinja, biex noffrulek hawnhekk l-għotja ta' ħajja qaddisa u niġu ngawduk mal-Verġni Marija, San Franġisk u l-Qaddisin kollha tal-Ordni Serafiku fis-saltna tiegħek. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# 30 ta' Novembru
# FESTA TA' SANT'ANDRIJA, APPOSTLU

*Ċel:* Ħuti għeżież, nifthu qlubna quddiem Alla li dejem isejħilna biex inkunu dixxipli tal-Evanġelju li xandru l-appostli, u bit-tjieba u l-paċenzja jistenna t-tweġiba tagħna:
R/. *Mulej, agħmilna xhieda tal-imħabba tiegħek.*

1. Mulej, nitolbuk għall-Papa N. u għall-isqfijiet, agħtihom kuraġġ u ferħ biex jimxu wara l-istedina tiegħek li jxandru lil Kristu lil kull persuna li tfittex direzzjoni fil-ħajja, nitolbu. R/.

2. Mulej, nitolbuk għall-insara, biex fuq l-eżempju ta' Sant'Andrija jimxu warajk u jkunu sinjali tal-ħniena tiegħek, nitolbu. R/.

3. Mulej, nitolbuk għall-Knejjes tal-lvant li jqimu lil Sant'Andrija b'mod speċjali fil-Knisja ta' Kostantinopli, biex tkompli l-ħidma ekumenika li twassal lejn il-għaqda lil dawk kollha li jemmnu fik.

4. Mulej, nitolbuk għas-sajjieda li jirriskjaw ħajjithom fil-perikli tal-baħar, u għall-ħaddiema kollha li jaqilgħu l-għajxien bil-għaraq ta' ġbinhom, nitolbu. R/.

5. Mulej, nitolbuk li l-komunità tagħna tkun sinjal ta' għaqda, u tkun sensibbli għall-bżonn li titlob għall-vokazzjonijiet għall-ħajja ikkonsagrata u għas-saċerdozju ministerjali, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, inti taf lil kull wieħed u waħda minna u ssejħilna b'isimna, għallimna biex nagħrfu lil Ibnek Ġesù u nimxu warajh bl-istess ferħ tal-appostlu Sant'Andrija, li offra ħajtu sal-martirju tas-salib bħala sajjied tal-bnedmin. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.